

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2011 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI ALĠERIJA-UE

tal-20 ta' Mejju 2011

dwar il-*ħolqien tas-sottokumitat "Djalogu politiku, sigurtà u drittijiet tal-bniedem"*

(2011/325/UE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI ALĠERIJA-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"),

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-imsieħba tagħha tal-Mediterran tan-Nofsinhar jistgħu jiżviluppaw filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-ispeċifitajiet u l-bżonnijiet ta' kull pajjiż Mediterranju.
- (2) Ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Alġerija għad-dejjin minn vitalità dejjem tiżdied permezz tat-twaqqif tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jeħtieġ segwitu regolari.
- (3) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni diġà ddeċieda ⁽²⁾ li joħloq sottokumitat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Alġerija-UE sabiex jipprovdni qafas istituzzjonali xieraq għat-twertiq u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni.
- (4) Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali jispira l-politiki interni u internazzjonali tal-partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (5) Id-djalogu politiku u ż-żamma tas-sigurtà huma element importanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u huma diskussi fi ħdan id-diversi organi stabbiliti permezz tiegħu.
- (6) Fil-qafas tad-djalogu politiku, l-Alġerija u l-Unjoni Ewropea stabbilixxew għalihom infushom għani jiet ambizzjużi, ibbażati fuq ir-rabta reċiprokament rikonoxxuta ma' valuri komuni li jinkludu, fost oħrajn, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem, ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għall-iżvilupp, kif ukoll

il-kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluż il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata taħt l-għamliet kollha tagħha.

- (7) L-Artikolu 98 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi t-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma jew organi meħtieġa għat-twertiq tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-sottokumitat "Djalogu politiku, sigurtà u drittijiet tal-bniedem" b'dan jitwaqqaf fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Alġerija-UE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni"). Ir-regolament intern tiegħu jinsab fl-anness.

Is-sottokumitat għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u jrid jirrapporta lilu wara kull laqgħa.

2. It-temi rilevanti tal-mandat tas-sottokumitat jistgħu wkoll jiġu diskussi fil-livell l-iktar għoli fil-qafas ta' djalogu politiku bejn l-Alġerija u l-Unjoni Ewropea.

3. Fil-qafas tal-mandat tiegħu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jipproponi lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sottokumitat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Alġerija-UE

Il-President

M. MEDELCI

⁽¹⁾ ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 3/2007 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija (ĠU L 330, 15.12.2007, p. 31).

ANNEX

REGOLAMENT INTERN TAS-SOTTOKUMITAT Nru 7 “DJALOGU POLITIKU, SIGURTÀ U DRITTIIJET TAL-BNIEDEM”**1. Kompożizzjoni u presidenza**

Is-sottokumitat “Djalogu politiku, sigurtà u drittijiet tal-bniedem” (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “is-sottokumitat”) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-partijiet għall-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni. Huwa ppresedut skont min imissu minn wieħed mill-partijiet fil-livell ta’ uffiċjali għolja.

2. Rwol

Is-sottokumitat għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni Alġerija-UE, (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni”), li lili għandu jirrapporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m’għandux il-poter li jieħu deċiżjonijiet. Madankollu, jista’ jippreżenta proposti lill-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni.

3. Suġġetti

Is-sottokumitat għandu jeżamina t-tweġiq tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni Alġerija-UE fl-oqsma mniżżla hawn taħt. Għall-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni, il-governanza u l-kwistjonijiet ta’ sigurtà marbuta mal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, is-sottokumitat huwa l-mekkaniżmu ewlieni ta’ segwitu fuq il-pjan tekniku. B’mod partikolari, dan jevalwa l-progress li jkun sar fil-qasam tar-ravviċinament, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġislażjonijiet, u jeżamina l-kooperazzjoni fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika u l-aspetti operazzjonali tagħha. Barra minn hekk, is-sottokumitat jevalwa l-progress li jkun twettaq, jeżamina l-problemi kollha li jistgħu jirriżultaw fis-setturi elenkati hawn taħt u jissuġġerixxi l-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu:

- (a) L-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-demokrazija, b’mod partikolari l-indipendenza tal-qrati, l-aċċess għall-ġustizzja u l-appoġġ għar-riformi ġudizzjarji, l-iskambju tal-esperjenzi u t-taħriġ;
- (b) is-segwitu tar-ratifika u tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż l-eżami tal-possibbiltà ta’ adeżjoni mal-protokolli fakultattivi ta’ dawn il-konvenzjonijiet u l-iskambju ta’ opinjonijiet dwar ir-riżervi eventwali għal dawn il-konvenzjonijiet. Il-kooperazzjoni mal-proċeduri u l-mekkaniżmi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
- (c) il-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u t-tortura u kontra kull forma ta’ diskriminazzjoni;
- (d) id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tan-nisa;
- (e) il-libertà tal-espressjoni u r-rwol tas-soċjetà ċivili u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
- (f) il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja internazzjonali, il-promozzjoni tal-proċess ta’ demokratizzazzjoni u l-ġestjoni tajba tal-affarijiet pubbliċi;
- (g) il-kooperazzjoni fl-organizzazzjonijiet multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- (h) il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;
- (i) il-konċertazzjoni fil-qasam tal-politika barranija u ta’ sigurtà, b’mod partikolari l-prevenzjoni tal-kunflitti, id-diżarmament u n-nonproliferazzjoni tal-armi tal-qedra tal-massa;
- (j) il-konċertazzjoni dwar il-kwistjonijiet ta’ sigurtà reġjonali u internazzjonali ta’ interess komuni;
- (k) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u operazzjonali tal-istituzzjonijiet nazzjonali kkonċernati.

Din il-lista mhijiex eżawrjenti u temi oħra jistgħu jiġu miżjuda mill-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni, bi qbil bejn iż-żewġ partijiet.

Laqgħa tas-sottokumitat tista’ tiddiskuti l-kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ qasam wieħed, aktar minn wieħed jew l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Segretarjat

Uffiċjal tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u uffiċjal tal-Gvern tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija għandhom jaġixxu b’mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat u għandhom ikunu inkarigati li jħejju dawn il-laqgħat.

Il-komunikazzjonijiet kollha li jirrigwardaw is-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji tas-sottokumitat.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jitaqqa’ kull meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan u mill-inqas darba fis-sena, b’alternanza bejn l-Alġerija u l-Unjoni Ewropea. Tista’ tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta’ talba minn waħda miż-żewġ partijiet, li titwassal mis-segretarju permanenti kompetenti li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Malli jirċievi talba biex jitaqqa’ s-sottokumitat, is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol.

F'każ ta' urġenza partikolari, is-sottokumitat jista' jitlaqqa' fi żmien iqsar jekk iż-żewġ naħat jaqblu. It-talbiet kollha għal laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fid-data u l-post li jaqblu dwarhom iż-żewġ naħat.

Għal kull parti, il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju permanenti ta' dik il-parti bi qbil mal-President. Qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ naħat jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden lil xi esperti għal-laqgħat tiegħu sabiex dawn jipprovdu taġġirif speċifiku.

6. Aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għal punti li għandhom jiddaħħlu fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jingħaddew lis-segretarji permanenti tas-sottokumitat. L-aġenda provviżorja għal kull laqgħa għandha tiġi stabbilita mill-President, bi qbil mal-parti l-oħra, mhux iktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda provviżorja għandha tinkludi l-punti li għalihom is-segretarji jkunu rċevew talba formali sabiex ikunu inklużi fl-aġenda sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni għandha tiġi rċevuta miż-żewġ naħat mill-inqas sebat ijiem qabel il-laqgħa.

L-aġenda għandha tiġi adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Il-minuti għandhom jitħejjew u jiġu approvati miż-żewġ segretarji permanenti wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, li jinkludu eventwalment il-proposti u s-suġġerimenti tas-sottokumitat, għandhom jiġu mgħoddija mis-segretarji permanenti tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi u l-konklużjonijiet tal-ħidmiet tiegħu m'għandhomx isiru pubbliċi.
